# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/93

## tal-21 ta' Jannar 2019

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Żewġ persuni fiżiċi indikati fl-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509 mietu, u jenħtieġ li l-entrati tagħhom jitneħħew minn dak l-Anness.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

*ANNESS*

Fir-Regolament (UE) 2017/1509, l-Anness XV, il-Parti (a), jitneħħew l-entrati li ġejjin:

2. CHU Kyu-Chang (D.O.B. 25.11.1928)

4. KIM Yong-chun (D.O.B. 4.3.1935).